# IN-NAHLA
TA'
## AGOSTINO LEVANZIN
GAZZETTA TA' CULL GIMGHA BIEX TGHALLEM U TIDDEFENDI IL POPLU

Omne tulit punctum qui miscuit utile dulci.

**Giebha żeuġ dac li għaraf ħallat il ħelu ma'l meħtieġ.**

IL POETA LATIN ORAZJU.

**10. 7 TA' NOVEMBRU 1908. L-EUUEL SENA**



# NIFTACRU !

F'daŭna il ġranet ta' nichet li fihom id-dakk imħannen ta'l kniepel jinżel sa'l kiegħ ta' klubna biex ifaccarna f'daŭc li mietu ŭara li tant ħadmu u bateŭ għalina niftacru ftit fihom u nitolbu l-Alla il mistrieħ għa'r-ruħhom.

Niftacru, niftacru ftit u nitolbu għal daŭc il ħafna nies kalbiena li ċarċru demmhom il għażiż għal din l-imsejcna Gżira biex ma ħalleŭhiex taka taħt id-dŭiefer ta'l għedeŭŭa.

Niftacru, niftacru ftit u nitolbu għal dac il martri glorjus ta' art tŭielidu, it-tabib MATTEU CALLUS, li ħalla ħajtu imdendel bħal kattiel f'l Pjazza ta'l Birgu biss għa'x ħabb ħafna il pajjisu u għa'x ried jakbeż għa'd-drittijiet mirfusa tiegħu.

Niftacru, niftacru ftit u nitolbu għal daŭc il ħafna kalbiena l-oħra, għalicom ja TONI BAJJADA, ja BURLO', ja GAFA' u għal daŭc l-oħrajn colliha li tant tħabtu, bateŭ u ċarċru demmhom fl-Assedju il Cbir.

Niftacru, niftacru ftit u nitolbu għal DUN MICHIEL XERRI għal DUN GHEJTAN MANNARINU, għal DUN SALV "TA' ŬIDNA" u għal daŭc il kassisin l-oħra kalbiena li ġarrbu ħabs l-actar kalil jeŭ il meŭt biex jeħilsu lil da'l poplu mirfus dejjem m'it-tirannija ta'l barrani.

Niftacru, niftacru ftit u nitolbu għal METROVICH, għal SAVER DE CESARE, għal AMATO, għal l-aħŭa PAULU u ERNESTU MANARA, għal NERIC ZAMMIT, għal SALVU CASTALDI, għal FORTUNATU MIZZI, għal l-ARCIPRIET XUEREB, għal SIGISMONDU SAVONA u għal daŭc il ħafna oħrajn li ħadmu tant b'il chelma chemm ucoll b'il pinna biex isalvaŭ id-drittijiet tagħna m'il chilba ta'l barrani.

Niftacru, niftacru ftit u nitolbu għal NIBBALE PRECA, għal PATRI MAGRI, għal TAYLOR, għal VASSALLI, għal FALZON, għal PATRI ALFONS MICALLEF, għal DUARDU CACHIA, għal MANUEL CARUANA, għal l-aħŭa MIFSUD-BONNICI, għal ACHILLE FERRIS, għal CANONCU MIFSUD-TOMMASI, għal P. P. CASTAGNA u għal tant oħrajn li xejn ma raŭha bi cbira li jictbu b'ilsien il poplu biex jgħallmuh dac li ma satax jitgħallem b'ilsna oħra li ma jafx.

Niftacru, niftacru u nitolbu għal FRA DIEGU, għal ADELAIDE CINI, għal MARCHIS BUGEJA, għal MARCHIS SCICLUNA għal DUN ĠUANN FARRUGIA li cheddeŭ saħħithom jeŭ ferrku gidhom biex igħinu lil fkar u lil l-imnicctin.

Niftacru, niftacru ftit mela u nitolbu għal daŭc collha li ŭara li tant tħabtu u ħadmu għal pajjishom geŭ f'ħajjthom imħallsin b'iż-żeblieħ u b'il kalb samma, u li ŭara meŭthom cullħadd insihom bħalli chiecu katt ma għixu u katt ma kabżu għalina; niftacru ucoll f'daŭc il mejtin collha li għamlulna unur, fost il barranin, b'il għerf cbir tagħhom, f'daŭc collha li offreŭ hajjthom bħala vittimi għal art tŭielidhom u għa't-tŭemmin ta missierijiethom, u nitolbu, mil kiegħ ta' klubna, bi'd-dmugħ f'għajnejna, l-Alla ta'l ħniena li jfarragħom u li jtihom f'id-dinja l-oħra dac il ħlas ta'l għamil tajjeb tagħhom li il kalb iebsa ta'l bniedmin ma għarfetx ittihom haŭn hecc.

Ja Alla ta cull ħniena atihom mela il mistrieħ ta dejjem!



# IS-SAHHAR FALZUN

## RUMANZ MALTI ORIGINALI

TA'

## AGOSTINO LEVANZIN

Malli ŭaslu, compliet kaltli Marija ma' tul it-triek li m'il Għallis tieħu għal Mosta, sabu xi żgħażah m'il Belt, ħbieb li jafuhom u li chienu kiegħdin jistenneŭhom; fosthom xi Cavalieri billi jħobbu jindehsu ma' xi cbarat minn tagħna u billi Clari De Nava u Petriċ D'Alagona, chif taf inti, huma tnejn m'il l-isbah xebbiet li għandna fl-Imdina collha chif iddur.

De Saqueville xamm b'il caċċa; xi ŭieħed m'il ħbieb tiegħu, billi chien jaf li ma jitmeżmeżx, chien tarraflu ħarira li chellhom jinżlu x'erba tfajliet ħelŭin m'il l-Imdina, u għalecc ra chif għamel u indehes b'il ħsieb karrieki li jdabbar rasu.

Chien hemm Censinu Cassia, dac li saħħan rasu għal Clari għad li hi ma trid ittih l-ebda ŭiden għa'x kalbha marbuta ma' Gori Xara, il kalbieni Captan ta'd-Dejma u li hu msaħħar ŭarajha daks li chiecu għamlitlu xi magħmul; chien hemm Nicol Farruġ, dac l-avucat li dejjem moħli ŭara id-djul, u li bla ebda żejt f'il koxra ta' ŭiċċu ħajjtu kiegħed ikattagħha imgħargħar f'cull xorta ta' vizzju imxierec ma'l carfa ta'l Cavalieri, u li kiegħed jisloħħom billi jicsbilhom flus b'imgħax ta'l mija f'il mija biex icollhom mnejn jitbagħirdu iżjed.

Jiena, chif taf int, ma contx għadni nħares seŭŭa lejn Marija u ma chien għad għandi l-ebda jedd biex inŭiddibha ħalli ma tantx tagħmilha ma' Clari u ma Petriċ billi, chif taf int, moħħhom għadu fuk il ŭerka ŭisk u jaħsbu li jmissu issema b'idejhom meta jinħabbu ma' xi Cavalier; u Marija billi katt li katt ma chienet issecsec ma'n nies, u billi katt ma ħabbet tarfa salib għajra, ftit li xejn ma chienet taf x'isarrfu ix-xbejbiet l-oħra u ftit inkas x'ħobż chienu jieclu il ħbieb tagħhom. Li chiecu cont naf u stajt niftħilha għajnejha, nakta rasi taħt mannara li Marija ma chienet katt tmur tara magħhom daŭc il misħuta ħġejjeġ biex ma dac in-nar chibes f'kalb De Saqueville dac in-nar faħxi ta'l gibda tiegħu lejn il maħbuba ta'kalbi.

Dana, malli tafa għajnejh fuk Marija imbala fih in-nifsu; bħala francis ixkar malli ħass ġo demmu il ħleŭŭa ta' dac il ŭiċċ kamħi, il leħħa ta' daŭc il għajnejn suŭed, is-sura ta' daŭc is-satax il sena li chienu kiegħdin jitbexxku għal ħleŭŭa ta' l-imħabba, ħass xi ħaġa taħtfu u tiġbdu lejha. Malli ħass idu ġo idha, xakk bħal għarak chiesaħ għalih, u dac il Cavalier francis, li chien isaħħar bi cliemu u jakleb l-imħuħ ta'n-nisa tista tgħid collha li chien jersak lejhom, ma għarafx jsib ħlief ftit cliem u imfixchel biex feraħ b'Marija. Meta kalulu li hi minn ta' Inguanez, billi chien jaf li hi ŭaħda m'il l-aħjar familji ta'l pajjis, Marija sbieħet iżjed f'għajnejh; resak chemm sata lejha, beda jŭarrbilha il folla biex tista tgħaddi, beda jmellisha b'cull xorta ta' cliem ħelu biex jiġbidha lejh. L-oħrajn malajr intebħu b'it-telfa ta'l Cavalier u bi ħlieka minn haun u b'nofs chelma minn hemm compleŭ saħħnu il kiegħa biex De Saqueville f'dic il-lejla ma rax ħaġ'oħra kuddiem għajnejh ħlief il ŭiċċ ħelu u taŭŭali ta' Marija u ma ħassx is-sħana ta' l-ebda ħuġġieġa oħra ħlief dic li ġa bdiet tħaġġeġ f'kalbu għal Marija Inguanez.

*(jissocta.)*

---

## XARADA.

*L-eŭŭel* raħal cbir u sbejjaħ;
Nota *it-tieni*; żid aċċent.
*L-intier* chien ġeneral kaŭŭi.
Sgur l'iġgibha f'il mument.

ALF. BORG. (Il Belt.)

Għa't tŭiegib hemm żmien sa'l 10 ta' dana ix-xahar.

## TIFSIR TA'L LOGHOB TA' KABEL.

Ix-Xarada chienet KA - MA

Fisrruha tajjeb: A. Farrugia (Rabat); il Perit A. Grima (Floriana) u Gaetano Grixti ta'l Gudja.

## CONCORSI.

Għal Concors ta chemm jitŭieldu tfal ma tul ix-xahar ta'Ottubru ma ŭiegħbux ħlief tlieta; u għal Concors ta's-Sbuħija ŭiegħbu ftit u lil ħafna ma għoġobħomx li nsemmu in-nisa tagħhom; għaldakstant concorsi ta' d'il għamla inħallihom għal meta jcunu jistgħu jintgħoġbu aħjar.

---

IN-NUMRU **9** JIMBIEH FL-UFFIĊĊJU TIEGHI, KUDDIEM SAN ĠŬANN SEUUA, **ZEUG SOLDI CULL COPJA**, FEJN JIMBIGHU UCOLL IN-NUMRI LI HARĠU L-OHRA B'IS-**SOLD U NOFS IL UIEHED.**

---

HAREĠ IL CTIEB SABIH

**"IL MAHBUB TA' GESÙ."**

TA' S-SUR ĠUŻE MUSCAT AZZOPARDI, B'IL HAJJA U B'IR-RITRATT TA' L' AŬTUR, B'IN-NOTI U BI STAMPA SABIHA "SAN ĠŬANN EVANGELISTA F'PATMOS."

DANA IL CTIEB HU STAMPAT FUK CARTA M'IL L-IFIEN U GHALCHEMM FIH FUK IL GHOXRIN FAXXICLU SEJJER JIMBIEH **XELIN U NOFS BISS** IL COPJA. MIN HA L-EŬŬEL TNAX IL FAXXICLU U MA KAGHBARHOMX IĠIBHOMLI U JIENA NATIEH UIEHED MEHJUT U LEST. IXTRUH HALLI TAKRAU CTIEB TASSEU SABIH.

---

Min irid icollu fuku libsa meħjuta suret in-nies u bi drappijiet fini jmur għand Ġanni Valenzia, f'it-Triek ta'l Cnisja, Bormla, u ma jibdielux.

---

Min irid jitgħallem ifassal seŭŭa ilbiesi ta'l-irġiel u ta'n-nisa imur għand il Professur Vincenzo Grech, Strada Alessandro, No 5 (fuk Putirjal) il Belt, li tgħallem fl-Accademji ta' Londra, ta' Parigi, u ta' Torin.

---

Tridu tpejjpu sigarretti m'il l-aħjar u m'il l-orħos?

Ixtru is-sigarretti "Imperial" ta' Alfredo Caruana ta' Ta's-Sliema li jimbiħu f'il ħŭienet principali.

Stamperija «Excelsior» 37, Strada San Giovanni, Il Belt.